Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-21 ta' Jannar 2025**

**Distrett Zurrieq**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**Versus**

**Michel Farrugia**
**(0171671M)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Michel Farrugia** ta' 53 sena, detentur tal-karta tal-identita' numru 0171671M.

Akkuzat talli sa nhar il-5 t'Awwissu 2019, u/jew qabel din id-data, f'dawn il-gzejjer:

1. Fi zmien sittin gurnata wara l-hrug tar-rizultat ta' elezzjoni fil-Gazzetta, bhala kandidat, naqas illi jibghat f'dik l-elezzjoni rapport tal-ispejjez elettorali tieghu, li ghandu jkun fih il-partikolaritajiet imsemmijin fit-Tlettax-il Skeda u li ghandu jkun iffirmat mill-istess kandidat.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Semghat ix-xhieda.

Semghat it-trattazzjoni finali tal-partijiet.
**Ikkunsidrat**

Illi xehed l-iSpettur Roderick Attard fejn qal illi kien ircieva korrispondenza ghan-nom tal-Kummissjoni Elettorali fi-konfront ta' certu Michel Farrugia, li gharaf fl-awla, fejn hu kien baghat ghalih fit-8 ta' Dicembru 2020, u wara li ffirma r-rifjut ghad-dritt tal-avukat pprezentat u mmarkat Dok RA1, kien hadlu stqarrija Dok RA2, fejn gharaf il-firma tieghu, ta' Michel Farrugia u WPC175. L-imputat kien qallu li kien hareg kandidat mal-Partit Nazzjonalista fil-kunsill tal-Mqabba fl-2019 u kien gie elett. Ix-xhud ipprezenta l-fedina penali ta' l-imputat mmarkata bhala Dok RA3, estratt tal-att tat-twelid Dok RA4, u l-kunsens tal-Avukat Generali Dok RA5. Fil-kontro ezami ix-xhud qal illi ma kellhomx evidenza li l-imputat kien nefaq il-flus fil-kampanja, izda kien dahhal ir-return tal-ispejjez li kien nefaq tard, izda hu ma kellux kopja.

Illi xehed Savio Borg mill-Ufficcju Elettorali li pprezenta kopja tal-gazzetta tal-Gvern tas-7 ta' Mejju 2019, fejn Michel Farrugia huwa mnizzel bhala kandidat tal-kunsill tal-Mqabba Dok SB1, kif ukoll ir-rizultat ta' l-elezzjoni tat-2019 Dok SB2, korrispondenza li ntbaghtet b'ittra ufficjali lil Michel Farrugia fejn gie nfurmat illi kellu zmien 60 jum minn meta jithabbar ir-rizultat sabiex jipprezenta dikjarazzjoni guramentata tal-ispejjez li nefaq fil-kampanja Dok SB3, u kopja tal-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Awwissu 2019 markata Dok SB4 li turi min mill-kandidati ghall-Mqabba pprezenta d-dikjarazzjoni, u li Michel Farrugia ma kienx ipprezentaha. Ix-xhud ipprezenta l-kopja tad-dikjarazzjoni tieghu li giet ipprezentata fit-30 ta' Awwissu 2019 mmarkata bhala Dok SB5. Ix-xhud kompla jghid illi din giet ipprezentata tardivament ghax kellha tigi ipprezentata sal-5 ta' Awwissu 2019. Gie ppezentat ukoll l-affidavit ta' Michel Farrugia li gie immarkat bhala Dok PR1.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi jirrizulta illi l-imputat kellu jissottometti dikjarazzjoni sal-5 ta' Awwissu 2019 ta' l-infieq li seta' jonfoq fil-kampanja tal-Elezzjoni tal-Kunsill Lokali, izda minkejja li ntbghatet ukoll ittra registrata mill-Ufficcju Elettorali din ma gietx sottomessa fiz-zmien rikjest mill-Ligi. Fil-fatt giet ipprezentata tardivament fit-30 ta' Awwissu 2019. L-imputat ma xehedx quddiem il-Qorti izda pprezenta affidavit mmarkat Dok PR1 li din il-Qorti ser tastjeni illi tiehu konjizzjoni tieghu u qed tordna l-isfilz tieghu stante li l-imputat kellu kull cans jaghti x-xhieda tieghu viva voce quddiem il-Qorti kif preseduta.

Illi l-Qorti wara li rat id-dokumenti pprezentati fl-atti processwali kif ukoll ix-xhieda, hija konvinta illi l-akkuza migjuba fil-konfront ta' l-imputat giet ppruvata sal-grad rikjest mill-Ligi.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-Artikolu 101 u 103(1) tal-Kap 363 tal-Ligijiet ta' Malta qieghda ssib lill-imputat **Michel Farrugia hati ta' l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u qed tikkundannah ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' hamsin Euro (€ 50.00).**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**